**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 185/18 CZ**

**Sergio Sciberras**

**vs.**

**Ivan Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-30 t'April 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elf, mija u tmienja w erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,148.73) u dan peress illi:

L-attur biegh u kkonsenja merkanzija lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, ghas-somma komplessiva ta' elf, mija u tmienja w erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,148.73) u dan kif jirrizulta mill-annessi rendikoneit u fatturi mmarkati Dok. SS1, SS2, SS3, u SS4.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-attur, inkluz permezz ta' zewg ittri ufficcjali datati 9 ta' Novembru 2015 u 17 ta' Novembru 2016 kopja ta' liema huma hawnhekk annessi u mmarkati bhala Dok. SS 5 u Dok. SS6, il-konvenut baqa' ma hallasx l-ammont ta' elf, mija u tmienja w erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,148.73), liema amont huwa certu likwidu u dovut;

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil dan it-Tribuna, illi prevja kwlasiasi provvedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni:

1. Jiddikjara li l-konvenut huwa debitur favur l-attur fis-somma ta' elf, mija u tmienja w erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,148.73), rapprezentanti ammont dovut ghal merkanzija u kkonsenjata lilu mir-rikorrenti fuq inkarigu tieghu stess.
2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u tmienja w erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,148.73).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut, inkluz l-ispejjez ta' l-ittri ufficcjali, li minn issahuwa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u tmienja w erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,148.73) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur